MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Rikors Numru. 332/1997/1

Ronnie Borg
vs
Kummissarju tal-Pulizija

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa rcieva trattament ingust u umiljanti meta kien fil-Korp tal-Pulizija fl-1990-1992, u b'konsegwenza ta' dan, huwa sofra mard, u kien kostrett li jitlaq mill-Korp meta gie ordnat jidhol lura ghax-xoghol meta huwa ma kienx assigurat mit-tabib kuranti tieghu li seta' jaghmel dan.

Illi huwa kien ingaggat bhala Pulizija fl-1982. F'Settembru 1990, waqt li kien fuq xogholu, kiser idejh. Meta kellu idu fil-gibs, huwa kien gie ordnat johrog jaghmel 'fixed point duty' fi Triq ir-Repubblika, Valletta, quddiem il-Wembley Store. (Dok A).

Illi huwa kien umiljat b'dan, u qabditu 'depression'. Meta l-psikjatra kuranti tieghu kien imsiefer, Bord Mediku qallu li huwa tajjeb li jidhol lura ghax-xoghol. Huwa talab li jiehu l-parir tal-psikjatra kuranti, izda ma nghatax zmien jaghmel dan, u kellu jiddeciedi dak in-nhar. Ghalhekk, huwa kien kostrett li jirrizenja mill-Korp.

Illi meta rrizenja, huwa kien baqghalu tlett xhur biss biex jaghlaq ghaxar snin fis-servizz, u b'hekk, kien ikun intitolat ghall-pensjoni ta' ghaxar snin.

Illi qatt ma gara, qabel jew wara, li Pulizija jintbaghat jaghmel 'duty' barra b'idu fil-gibs.

Illi hija kontra l-procedura stabbilita li tissottometti persuna ghal Bord Mediku minghajr ma tinforma lit-tabib kuranti tal-persuna koncernata.

Illi d-decizjoni li jidhol lura ghax-xoghol kienet ittiehdet tliet xhur biss qabel l-gheluq ta' l-ghaxar snin li r-rikorrent kien ser ikun ilu fis-servizz, ipprivatu mid-dritt tal-pensjoni.

Illi dan kollu kien jammonta ghal trattament ingust u diskriminatorju mar-rikorrent.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lit-Tribunal jinvestiga dawn l-ilmenti skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jaghti rimedju xieraq lir-rikorrent, billi jaqta' li r-rikorrent ghandu jigi kunsidrat halli jingagga fil-Korp tal-Pulizija, u li r-rikorrent jinghata kumpens xieraq ghat-telf li bata u li ser ibati, minhabba l-ingustizzji li sofra.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok dan it-Tribunal ghandu jiddeklina milli jezercita l-gurisdizzjoni tieghu stante li l-ilment tar-rikorrent ma jaqax taht l-Artikolu 6(1) ta' l-Att VIII ta' l-1997 u ghalhekk huwa barra l-kompetenza tat-Tribunal.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess jinghad li fl-24 ta' Settembru, 1990, waqt li r-rikorrent kien qieghed xoghol zelaq u wegga' jdejh u b'konsegwenza rtira bis-sick leave.  Mill-ezami mediku mkien ma jirrizulta li huwa sofra xi ksur fl-ghadam.

Illi l-progress mediku tar-rikorrent kien qieghed jigi ezaminat u kkurat mit-tabib tal-Pulizija.  Illi l-intimat bhala persuna li ma ghandhiex il-kwalifiki mehtiega biex tiddeciedi dwar is-sahha medika tirrikorri ghall-pariri ta' tabib tal-Pulizija.

Illi meta xi zmien wara r-rikorrent hareg bis-sick leave b'kagun ta' depressjoni huwa gie riferut quddiem Bord Mediku mahtur mid-Dipartiment tas-Sahha.

Illi l-imsemmi Bord Mediku sab lir-rikorrent fi stat tajjeb ta' sahha u li kellu jidhol ghax-xoghol immedjatament.

Minflok, ir-rikorrent, fl-istess gurnata li l-imsemmi Bord Mediku ddecieda kif inghad qabel, talab li jirtira mill-Korp tal-Pulizija kif fil-fatt ghamel.

Ricentement, ir-rikorrent applika biex jigi re-instated fil-Korp tal-Pulizija u t-talba tieghu ghadha pendenti.

Ghaldaqstant l-intimat talab li t-Tribunal joghgbu jiddeklina milli jisma' l-kaz ulterjorment ghar-ragunijiet imsemmija u subordinatament u fit-tieni lok jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-kontenut tar-rikors u semma li hu kien korra, kiser idu fuq ix-xoghol meta kien l-Ghassa tal-Furjana. Semma li ghalkemm kien b'idu fil-gibs, minflok inghata l-injury leave, dahhluh ghax-xoghol jaghmel skorta ma' prigunieri f'nofs Triq ir-Reppublika u b'konsegwenza ta' hekk qabditu depression u kien taht il-kura tal-Professur Abraham Galea. Xi gimghat wara li ghamel certifikat mediku, ghajtulu quddiem Bord Mediku liema Bord insista mar-rikorrent li jiddeciedi li jew jidhol ghax-xoghol, jew ihalli l-Korp u dan fl-assenza tal-psikjatra kuranti tieghu. Hu talab li jkellem lill-psikjatra kuranti li kien jinsab imsiefer, izda ma nghatax ic-cans li jaghmel dak u ghalhekk kellu jirrizenja mill-Korp u dan gara tliet xhur biss qabel ma ghalaq il-perjodu ta' ghaxar snin fil-Korp u li kien jintitolah ghall-pensjoni ta' ghaxar snin servizz. Sostna li, li kieku l-Bord Mediku ma nsistiex mieghu li jidhol lura, ma kienx jirrizenja u l-anqas kien jitlef id-dritt ghall-pensjoni wara ghaxar snin servizz.

Semma li l-kaz tieghu kien gie riferut lill-injury board u effettivament kien inghata Lm160 fuq rakkomandazzjoni tal-injury board fejn sabu li kien korra fuq ix-xoghol. It-tabib specjalista Dr. Casalletto kien qallu li mhux f'kundizzjoni tajba li jidhol ghax-xoghol. Qal li kellu l-impressjoni li l-establishments secretary kienet ikklassifika l-assenza tieghu bhala special sick leave.

Semma li fil-bord mediku li deher quddiemu u li kien qieghed l-iSptar San Luqa ma kien hemm ebda rapprezentant tal-Kummissarju bl-uniformi. Qal li deher quddiem il-bord tliet darbiet u kienet biss fl-ahhar okkazjoni fejn insistew mieghu li kellu jiehu decizjoni dwar jekk jidholx ghax xoghol jew le. Semma li l-ispecjalista kien qallu li suppost kellu jkun prezenti jew li jkun hemm ittra minn taht idu biex il-bord jiddeciedi.

Xehed is-Supretendent Ronald Kelly li semma li sakemm il-Korp kien aware qatt ma kien hemm xi membri tal-Korp tal-Pulizija b'idejhom miksura u baghatuhom ghax-xoghol u l-anqas jaghmlu skorta, zgur li le. Semma li peress li kien gie allegat li l-iskorta giet inizjalata mill-Maggur Agius li kien l-Ghassa l-Belt kien talab lill-Pulizija ta' l-Ghassa

tal-Belt biex jaghmlu ricerka dwar iz-zmien li kien wegga' r-rikorrent u jaraw jekk kienx hemm xi haga dwar skorta bejn l-1990 u l-1992. Il-Pulizija tal-Belt kienu qalulu li r-records kienu gew distrutti meta kien dahal xi ilma u kien gharraq ir-records.

Qal li meta mar il-habs talabhom ir-records dwar jekk ir-rikorrent P.C. 241 kienx ghamel skorta mal-prigunier Robert Spiteri. Huma qalulu li Robert Spiteri kien dahal il-habs f'April 1990 u hareg f'April stess, filwaqt li r-rikorrent kien wegga' f'Settembru 1990. Semma li talab lis-Surgent Zammit 1211 biex jaghmillu ricerka jekk ir-rikorrent kienx ghamel skorta. Hu ghamillu ricerka minn Novembru tal-1990 sal-1992 u skond ir-records taghhom ma jidher qatt li r-rikorrent kien ghamel xi skorta ma' Robert Spiteri. Eesebixxa dokumenti dwar records f'isem il-prigunier Robert Spiteri ta' kull darba li dahal u hareg bi skorta mill-habs civili bejn is-6 ta' Novembru 1990 sal-15 ta' April 1992 fejn in-numru ta' P.C. 241 ma jinkwadra f'ebda skorta.
Esebixxa kopja tal-letter minutes fejn turi li r-rikorrent kien gie trasferit fid-distrett nru. 8. Semma li fis-27 ta' Marzu 1992, ir-rikorrent kien gie ezaminat minn medical board minhabba li kien qed ibati minn "severe anxiety state and reactive depression". Esebixxa r-rapport ta' dan il-medical board fejn il-board kien qallu li kellu jerga' jezaminah tliet xhur wara. Qal li fit-3 ta' Lulju 1992 ezatt tliet xhur wara, il-bord mediku rega' ezamina lir-rikorrent u sab li hu kien "fit for all police duties" u esebixxa r-rapport mediku tal-bord. Zied jghid li dak inhar stess, ir-rikorrent mar il-Kwartieri Generali u talab li jirrezenja mill-Korp tal-Pulizija.

Semma li r-rikorrent barra l-injury li kellu f'idu hareg bis-sick leave diversi drabi b' diahorrea, stomach pain, b'depression u rega' b' diahorrea u l-ewwel darba li rtira b'depression kienet f'Awissu 1990 jigifieri kwazi sena wara li kien wegga' l-ewwel darba. Qal li minn Ottubru 1990 sa Dicembru, l-anqas xahar wara li kien wegga' jdejh ir-rikorrent volontarjament kien ghamel extra duty on payment. Spjega li dak kien xoghol li jintalab minn terzi persuni bhal banek, bhal azjendi privati li jitolbu l-assistenza tal-pulizija u zied jghid li dan ix-xoghol jitlob

ghalih il-pulizija stess. Esebixxa kopji tal-hlas li rcieva u d-dati meta huwa kien hadem dak ix-xoghol.

Xehed P.C. 1038 Carmel Azzoppardi li qal li r-records dwar id-detail of duties ta' l-Ghassa tal-Belt bejn l-1990 u l-1992 kienu gew riciklati fuq struzzjonijiet ta' l-Assistent Kummissarju Maurice Borg minhabba li kienu fi stat hazin u ghalhekk sostna li records ohra koncernati ghal dawk is-snin m'ghandux.
Xehed P.S. 1211 Richard Zammit u semma li hu stazzjonat l-ufficcju l-habs u x-xoghol tieghu huwa li jzomm ir-rekords tal-prigunerija. Esebixxa dokument li jindika d-dati ta' meta Robert Spiteri kien dahal u hareg mill-habs. Qal li mir-ricerki li ghamel ma rrizultalux li r-rikorrent bejn Novembru 1990 sa April 1992 kien ghamel skorta ma' Robert Spiteri. Semma li huma jqabbdu lil tad-distrett biex jaghmlu l-iskorta u kull skorta jiffirma fuq il-formoli li hemm apposta ghal dan l-iskop fejn il-gate. Spjega l-fotokopji li gew inseriti fil-process u qal li l-ewwel kolonna hija d-data, it-tieni kolonna hija l-hin, t-tielet kolonna fejn jiffirma l-pulizija skorta li jkun gie, ir-raba' kolonna hija min ikun inkarigat mill-gate li jiffirma bhala xhud u l-ahhar kolonna fejn ha jkun ser imur. Qal li Robert Spiteri ilu l-habs mill-1998 u ma harigx minn dak in-nhar sad-data tal-lum u qatt ma kien released mill-habs minn 1998 'l hawn u esebixxa dokument li jindika d-dati ta' meta Robert Spiteri kien admitted u released mill-habs.

Xehed Robert Spiteri u semma li lir-rikorrent jafu bhala skorta, jigifieri bhala pulizija u qal li darba meta mar skorta mieghu kellu jdejh fil-gibs. Ma ftakarx id-data ta' meta r-rikorrent kien mar skorta mieghu izda qal li r-rikorrent inzerta skorta mieghu xi darbtejn u darba minnhom zgur kellu l-gibs u l-iskorta kienet ghal Qorti. Semma li fl-1996 hu hareg mill-habs fit-23 ta' Dicembru u kien ilu l-habs minn Gunju 1991.

Xehed Dr. Carmel Sciberras Tabib tal-Pulizija u semma li ilu f'din il-kariga mit-28 ta' Frar 1992 u ghadu hemm sal-lum. Semma li mir-rekords irrizulta li f'Ottubru 1990 ir-rikorrent kellu jdejh fil-gibs u dan il-gibs tnehha fil-31 ta' Ottubru 1990 u kienu ghamlulu splint ghal hmistax.

Semma li meta assuma l-kariga ta’ Tabib tal-Pulizija, ir-rikorrent kien ghaddej bis-sick leave minhabba depressjoni u kien ilu bis-sick leave mis-6 ta’ Dicembru 1991. Qal li fid-19 ta’ Gunju 1992 huwa kien mar quddiemu u qallu li kellu stat ta’ ansjeta` minhabba incident li kellu 1986. Semma li r-rikorrent f’Lulju 1992 deher quddiem medical board fejn hu kien membru u l-bord kien sabu tajjeb ghax-xoghol. Qal li fil-medical board kien hemm Dr Anthony Mangion bhala psikjatra u Dr Malcolm Micallef bhala rapprezentant tal-Gvern tas-sanita` u semma li c-certifikati li kien jibghat ir-rikorrent kienu tat-tabib tieghu Dr. John Mizzi liema tabib ma deherx quddiem il-bord. Qal li kopja tac-ceritifikat tal-Professur Abraham Galea ma kellux fil-file.

Xehed <u>Dr Francis Saliba</u> u semma li minn Mejju 1966 sal-1991 kien Tabib tal-Pulizija. Qal li gieli kien isejjah lir-rikorrent minhabba li bejn Lulju 1987 u April 1991 kien fuq light duties u kien iwissieh li kienu ftit esagerati ikkomparati mad-danni li kienu saru u li kien ftit fil-periklu li jitlef il-karriera tieghu. Semma li l-incident kien gara fl-24 ta’ Settembru 1990 u ghalkemm ir-rikorrent kellu jdejh fil-gibs ma kienx hemm ksur u qal li r-rikorrent kien ipprova jghaddi din l-injury bhala injury on duty. Semma li kien baghat certifikat li ma kienx validu u ma kienx gie accettat u aktar tard kien baghat l-N.I. 30 li kienet tajba imma ma gietx accettata xorta u ghalhekk is-sick leave tieghu kien gie bhala ordinary sick leave. Qal li sal-11 ta’ Ottubru 1990 ma kienx hemm iktar sick leave fir-rigward tar-rikorrent minhabba jdejh u ghalhekk fit-12 ta’ Ottubru 1990 ir-rikorrent kien dahal lura ghax-xoghol f’idejh fil-gibs u kien excused minn certa duties minnu ghal gimgha u din kienet it-tielet darba ta’ extended light duties lir-rikorrent.

Semma li r-rikorrent kien deher fil-gazzetti b’idejh fil-gibs u kien inqala’ argument fir-rigward tal-pulizija li qeghdin jidhlu ghax-xoghol bil-gibs. Qal li kien sema’ minghand ufficjali tal-Pulizija li waqt li r-rikorrent kien on light duty, kienu rawh isuq il-motorcycle privat tieghu u dan sehh meta kien bil-light duties minhabba shatika go dahru u mhux minhabba jdejh. Qal li kien hemm suspetti li din l-istorja tar-rikorrent kienet mossa in scena minhabba li kien

applika ghar-re-inforcement duties waqt li kien on light duties. Zied jghid li l-pulizija kienu jiggieldu ghar-re-inforce duties u ovvjament min kien ikun b'light duties jew sick leave ma kienx japplika ghal dawn ir-reinforcement duties.

Semma li hu qatt ma kien ghamel ebda rapport lill-Kummissarju fir-rigward ta' dan izda ghaddiet korrispondenza bejnu u bejn it-tobba privati tieghu biex kemm jista' jkun din is-siwazzjoni ma tibqax minhabba l-karriera tieghu. Qal li l-unika darba li kiteb lill-Kummissarju kien bhala gustifikazzjoni minhabba li deher ritratt fil-gazzetti tar-rikorrent b'idejh fil-gibs. Semma li r-rikorrent ghadda aktar minn darba medical board. Zied jghid li fl-ewwel medical board li kien iltaqa' fit-28 ta' Frar 1989 fuq talba tal-Kap tad-Dipartiment minhabba extended light duties, ir-rikorrent kien ghaddieh bhala fit for all duties. Qal li fl-ahhar darba li kien ghadda board hu kien diga rtira.

Fl-opinjoni tieghu Dr. Saliba qal li l-gibs li kellu f'idejh ir-rikorrent setghet ma kenitx hemmhekk peress li ma kienx hemm ksur ghalkemm once li ssir ma taghmilx hsara. Qal li l-plaster cast kien inzamm dak it-tul kollu ghal xejn. Qal li kien hemm korrispondenza shiha bejnu u bejn it-tabib kuranti tieghu li kien certu Dr. Sciberras fejn kienet tirrigwarda aktar il kaz tar-rikorrent f'dahru, liema tabib kien irreferieh ghand l-ispecjalista Dr. Zrinzo. Esebixxa l-korrispondenza bejnu u bejn Dr. Sciberras u qal li wara dak ma kien hemm l-ebda follow-up la minn Dr. Sciberras u lanqas minn Dr. Zrinzo. Qal li l-unika korrispondenza li ghamel fir-rigward ta' jdejh fil-gibs kienet mal-Kummissarju tal-Pulizija. Qal li wara li r-rikorrent kien dam zmien twil b'idu fil-gibs hu kien irritena li kien fit for all duties. Semma li hu ma setax innehhielu l-gibs ghax dak kien hemm it-tabib inkarigat.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi r-rikorrent talab ir-ringagg mal-Korp tal-Pulizija u kumpens. Il-Kummissarju tal-Pulizija kien eccepixxa li t-Tribunal ma ghandux kompetenza *ratione materiae*. Illi fis-26 ta' Jannar 2000 it-Tribunal cahad l-eccezzjoni tal-

Kummissarju tal-Pulizija minhabba li t-talba ma kenitx dwar terminazzjoni ta' impieg izda dwar ringagg mal-Korp tal-Pulizija u kumpens.

Dwar il-mertu tal-kaz jinghad li r-rikorrent sostna li hafna minn dak li gara lilu kien dovut ghall-fatt li kiser idu u xorta wahda kellu jidhol ghax-xoghol izda skond Dr. Carmel Sciberras huwa veru li r-rikorrent kienu ghamlulu splint ghal hmistax bil-gibs izda ma kienx hemm ksur (fol 92). Ir-rikorrent diversi drabi gie moghti light duties. Irrizulta li r-rikorrent ma kienx awtorizzat ghas-sick leave fit-tul mill-medical board. Dr Francis Saliba wkoll xehed li fl-opinjoni tieghu l-gibs li kellu f'idejh ir-rikorrent kienet saret kapriccozament minhabba li ma kellux ksur.

Illi fl-opinjoni tat-Tribunal la ma jkollokx ksur u tinghata xoghol dan ma jistax jammonta ghal raguni valida. Hemm nuqqas ta' ftehim kbir jekk fil-fatt ir-rikorrent kienx ghamel xoghol ta' skorta ma' Robert Spiteri minhabba li ghalkemm ir-rikorrent u Spiteri jaffermaw dan, mir-records kollha ta' diversi ufficjali tal-Pulizija u tal-Habs dan ma rrizultax. Xorta wahda pero` it-Tribunal ma jhossx li din kienet raguni valida li wasslet ghal biex ir-rikorrent jispicca mill-Korp. Irrizulta li r-rikorrent kien isofri minn severe anxiety and reactive depression.

Ukoll fit-talba tieghu r-rikorrent semma "ghandu jigi kunsidrat halli jingagga fil-Korp tal-Pulizija". Ma ngabitx prova sufficjentement valida li turi li saret din it-talba lill-awtoritajiet.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------